**27 ta' Ottubru, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Cassar Desain

**Provi — Ammissjoni tal-Imputat.**

*Ladarba l-imputat jammetti l-imputazzjoni, il-Qorti ma tistgħax ħlief tgħaddi għall-kundanna tiegħu, ammenokkè ma jirriżultax li hu ma jehemx in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kienetx intenzjoni tiegħu li jammetti li hu ħati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il fatti minnu ammessi l-Qorti ma messhiex skond il-liġi tikkundannah fuq dik l-imputazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imsemmi Cassar Desain, talli naqas li jobdi l-ordni leġittimu tal-Pulizija, mogħti lilu bil-miktub, biex ineħħi l-perikolu li hemm f'St. Anthony Street, l-Imsida, li tinsab fi stat ħażin ta' tiswija u ta' perikolu għan-nies u għall-proprjetà ta' ħadd ieħor, fi żmien erbgħa xhur mid-data tan-notifika ta' dak l-ordni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Settembru 1962, li biha sabet lill-imputat ħati u kkundannatu għall-piena tal-ammonizzjoni u riprensjoni, u tatu xahrejn żmien biex juniforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 10s. għal kull ġurnata ta' nuqqas;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab li dik is-sentenza tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant ammetta l-imputazzjoni. Għalhekk, wieħed għandu jara x'inhu l-effett ta' din l-ammissjoni għall-finijiet tal-appell;

L-Imħallef sedenti jidhirlu li, "in subjecta materia", il-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza ngliża mill-Imħallef Avory in R. v. Forde (1923) 2 K.B.. 400, fejn qal hekk:— "A plea of guilty having been recorded, this Court can only entertain a plea against conviction, if it appears (1) that the appellant did not appreciate the nature of the charge or did not intend to admit that he was guilty of it, or (2) that upon the admitted facts he could not in law have been convicted of the offence charged";

Dan l-insenjament tal-Imħallef Avory (li kien kriminalista illustri) ġie dan l-aħħar riaffermat, b'ċitazzjoni "ipsissimis verbis", mill-Qorti tal-Appell Kriminali Ngliża, komposta mill-President Parker u mill-Imħallfin Cassels u Ashworth, fil-kawża R. v. Move, 2 ta' Frar 1960, riportata fil-Criminal Law Review. April 1960, paġ. 266;

Dan l-insenjament jattalja ruħu perfettament malprinċipji tal-Liġi Maltija dwar il-konfessjoni ġudizzjarja kif eżaminati mill-Imħallef sedenti fl-appell kriminali "Pulizija vs. Livori", 16 ta' Ottubru 1937, fejn hemm rilevat l-insenjament anki tad-Dritt Kanoniku li l-konfessjoni ġudizzjarja hija "plena probatio", u d-Dritt Ruman, skond liema "confessos in jure pro judicatis haberi placet";

Ikkunsidrat;

Ma ġiex addott f'dan l-appell li l-appellant ma fehemx ix-xorta tal-imputazzjoni, jew li hu ma riedx jammetti li kien ħati tagħha. Iżda hu qiegħed jgħid li, għad li ammetta eppure l-perikolu, bażi tal-imputazzjoni, ma jeżistix, u għalhekk bl-ammissjoni b'kollox, l-imputazzjoni ma tinsabx assodata. Għalhekk, il-każ jaqa' taħt it-tieni ipotesi kontemplata "supra", u l-appell jista' jiġi eżaminat;

Ikkunsidrat;

Fil-fatt, mix-xhieda tal-Assistent Inġinier Farrugia

jirriżulta għas-sodisfazzjon tal-Qorti li dan il-perikolu potenzjali għan-nies u l-proprjetà jeżisti. Dak ix-xhud, infatti, assikura li t-trieq in kwistjoni hi mimlija ħotob u ħofor hija mħarbta, u, kif qal l-istess xhud, "bumpy". Hu intuwittiv li f'dawn il-kontinġenzi hemm perikolu għat-transitanti, għaliex hu faċli li persuna, partikolarment jekk tkun vaċillanti mħabba l-età inoltrata, jew tkun malsikura m'nħabba vista' defiċjenti, tista' titfixkel u taqa' u tkorri. Karrozza tista' wkoll issofri ħsara bi skossi, li jaddennaġġjaw il-molol jew attrezzi oħra tagħha. Kożikkè hemm perikolu potenzjali, tant għan-nies kemm għall-proprjetà;

Hu ċar li, biex jitneħħa l-perikolu, it-trieq għandha tkun livellata skond l-eżġenzi tal-liġi;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iż-żmien prefiss mill-Ewwel Qorti jibda jgħaddi mil-lum.